# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBA FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

EDITUR: J. ORLANDO-SMITH.

Nru. 113 JANNAR, 1949. Nru. 113

## A. D. 1949

(R. BIASINI, Direttur tal-Biedja)

**IN-NIES tad-dinja, mingħajr ma jagħtu wisq każ, qalbu paġna oħra fil-mixja tal-ħajja u daħlu f'sena ġdida. Kemm tifsir kbir jista' jingħata lil din il-ġrajja. Sena oħra nħliet minn ħajjitna u kien x'kien dak li ġarrabna fis-sena li għaddiet, ħalli lkoll flimkien ninsewhom u ngħodduhom b'mejta sabiex b'ħeġġa akbar u b'tamiet isbaħ inħarsu lejn iż-żmien ġdid li fih wasalna.**

**B'biċċa ċarruta niedja nersqu lejn il-lavanja ta' qalbna u nħassru minn fuqha kull hemm u dieqa li ġarrabna fl-imgħoddi u nidħlu f'din is-sena l-ġdida bi ħsebijiet ħanina u maħfra għal kulħadd. Jalla s-sena l-ġdida tkun mimlija bl-isbaħ xewqat u bl-akbar ferħ fi djar il-poplu kollu u l-aktar fil-familji tal-bdiewa, dawk il-ħabrieka ħaddiema li ma jieqfu qatt minn fuq ix-xogħol tagħhom u li qalbhom tinsab dejjem mimlija bl-akbar tamiet.**

Is-sena l-oħra ma kenitx wisq ħa-
ina magħna fil-bidu tagħha. Ħal-
etna neqsin ħafna minn dak il-lik-
idu prezzjuż li huwa s-sisien ta'
ull ħajja: l-Ilma. Iżda fl-aħħar
agħha din l-istess sena tbissmitilna
l-akbar ħlewwa u tatna ħafna minn
ak li ħallietna neqsin minnu fil-bi-
u tagħha. Rahan sabiħ li jġagħal-
a nittamaw fi żmien aħjar.

**Inħallu warajna dak li tlifna jew sibna u nħarsu lejn il-ġejjieni b'feh-na li nieħdu minnu l-akbar ġid. Nif-akru li għandna dmirijiet xi nwett-u kemm ma' niesna kif ukoll ma' ajjiżna u dawn id-dmirijiet jeħtieġ i nwettquhom bir-reqqa.**

Wieħed minn dawn id-dmirijiet
ejjer ikun ir-regolamenti l-ġodda
war il-kontroll u l-prezzijiet tal-
rodotti. Mill-bidu tas-sena l-ġdida
-prezzijiet ma humiex sejrin jibqgħu
ġu iffissati darba fil-ġimgħa mill-
Board li kien jiffissa dawn il-prezzi-
et, iżda bi ftehim bejn il-Gvern,
-bdiewa u l-bejjiegħa tal-ħaxix sej-
r jibda jitħaddem sistema ġdid li
ih il-prodotti jkunu jistgħu jinbie-
ħu lill-konsumatur bi prezz raġjo-
evoli tal-ġurnata wara li l-bejjiegħ
un żamm għalih prezz xieraq u l-
idwi jkun tħallas skond ma jist-
oqqlu.

Is-sistema li kien qed jitħaddem qabel kellu xi difetti li bis-sistema l-ġdid jistgħu jiġu msewwija. F'ħafna każi nstab illi l-iffissar tal-prezzijiet minn ħafna ġranet qabel ma jkunux jaqblu mas-swieq tal-ġurnata meta dawk il-prezzijiet jibdew jit-

HENA, RISQ U SLIEMA
LILL-QARREJJA
U LILL-HADDIEMA KOLLHA
TA' L-ART
MILL-ONOREVOLI
**BERTRAM CAMILLERI**
MINISTRU TA' L-INDUSTRJA.
JALLA FUQ HIDMIETKOM
U FUQ DJARKOM
TAQA' L-BARKA U L-PAĊI
TAS-SMEWWIET

ħaddmu. Issa l-prezzijiet għall-konsumatur sejrin jiġu iffissati skond il-prezzijiet tal-bejgħ tal-ġurnata li jkun sar fil-Pitkalija. Kull bejjiegħ tal-ħaxix irid ikollu lista ta' kull oġġett li jkun qiegħed joffri għall-bejgħ bil-prezz ta' kull oġġett għal dik il-ġurnata. Il-prezzijiet ta' l-oġġetti jinkitbu mill-bejjiegħ stess billi jżid mal-prezz tax-xiri li jkun għamel il-qliegħ xieraq iffissat mill-Gvern għal kull prodott.

Biex il-Gvern ikun żgur li kollox miexi bis-sewwa sejjer ikollu għadd ta' inspectors li dawn flimkien mal-Pulizija jkun dmirhom li jduru l-ħin kollu lill-bejjiegħa tal-ħaxix, jitolbuhom il-vouchers tax-xiri li jkunu għamlu mill-Pitkalija biex jaraw jekk il-prezz miktub mill-bejjigħ huwiex eżatt.

**Lill-bdiewa nwissuhom bil-qawwa kollha sabiex min-naħa tagħhom jimxu bl-akbar reqqa fil-miii tal-prodotti ħalli ma jiġi mqarraq ħadd la bejjiegħ u lanqas konsumatur.** Il-wiċċ tad-dugħ li jressqu għall-bejgħ għandu jkun kampjun bir-reqqa ta' dak li jkun fih id-dugħ kollu sabiex jekk il-mezza jew xkora jkun fiha tliet daqsijiet ta' prodotti dawn it-tliet daqsijiet għandhom ikunu jidhru tajjeb fil-wiċċ tad-dugħ. Minbarra li huwa dmir imqaddes tal-bidwi li jagħmel dan għall-ħaqq u sewwa irid jiftakar li jekk ma jagħmilx dan u jipprova jqarraq taħt dawn ir-regolamenti ġodda sejjer ikun soġġett għall-piena tal-liġi.

**Nimxu id f'id fl-interess ta' kulħadd. Is-sewwa ma hemmx isbaħ minnu u ma jirbaħlu ħadd. Niftakru f'dan id-dmir ħalli ngħaddu s-sena l-ġdida fil-barka u l-paċi.**

### BAJD GHAT-TFAQQIS

Dawk kollha li jixtiequ jiksbu xi tagħqida bajd tat-tfaqqis tat-tiġieġ Suwed Maltin u tal-Papri White Campbell għandhom jiktbu jew iċemplu lis-Suprintendent tal-Qasam tal-Gvern, l-Għammieri, il-Marsa. (Tel. Central 4942).

**TINSEWX TMORRU L-GHAMMIERI GHALL-FIERA, NHAR IL-HADD, 9 TA' JANNAR, 1949.**

# Il-Marda tal-Ġidri fit-Tjur

(A. Cassar, M.R.C.V.S., B.Sc.)

**KWAŻI dawk kollha li jrabbu t-tjur jafu bil-marda tal-ġidri u ħafna minnhom huma kapaċi wkoll jagħrfu s-sinjali ta' din il-marda. Din il-marda hija tant magħrufa minħabba li hija komuni ħafna u tinxtered kulfejn jinsabu t-tiġieġ u tagħmel ħsara kbira meta tattakkahom. Ftit jew xejn huma dawk li jrabbu t-tjur li jiftakru li din il-marda qatt ma attakkat it-tiġieġ tagħhom.**

### Il-Kaġun tal-Marda tal-Ġidri

Il-kaġun ta' dil-marda huwa Virus, jiġifieri mikrobu tant żgħir li ma jintlemaħx lanqas b'lentijiet l-aktar fini u qawwija. Dan il-mikrobu għandu reżistenza kbira u jgħix għal bosta ġimgħat meta jkun fi stat xott u meta jsib xi tiġieġ li jkollhom xi ġrieħi anki l-iktar żgħar, jattakkahom u jmarradhom.

### Kif Tixtered il-Marda

Il-mikrobu tal-ġidri jista' wkoll jiġi mdaħħal fost it-tjur ma' xi xkejjer u qfief u affarijiet oħra li jkunu ġew minn fejn tiġieġ morda. Dan il-mikrobu jista' wkoll jiġi mdaħħal minn xi ħadd li jkun għadu kemm ħareġ minn xi post li jkun fih tiġieġ morda.

Jekk fost xi tiġieġ ikun jinsab il-mikrobu tal-ġidri tkun ħaġa tassew diffiċli li t-tiġieġ ma jiġux attakkati l-għaliex malli titfaċċa fuq it-tiġieġ l-iċken ġerħa fl-għalla jew fil-ħalq, il-mikrobu tal-ġidri jidħol fil-ġerħa ,jibda jikber u jagħmel il-ħsara tiegħu. Billi t-tiġieġ sikwit jiġġieldu u jnittfu 'l xulxin, inisslu xi feriti fl-għalla u b'hekk il-mikrobu jattakka.

### Is-Sinjali tal-Marda

Hemm żewġ għamliet ta' mard tal-ġidri: Il-ġidri jattakka jew il-ġilda inkella jattakka l-ħalq. Meta l-marda tkun fil-ġilda, aktar tkun ħafifa u t-tiġieġ ifiequ; iżda meta tattakka l-ħalq il-marda tkun iktar qawwija, tagħmel iktar ħsara u xi tiġieġ imutu wkoll.

Meta l-ġidri jattakka l-ġilda, jibdew jidhru bżieżaq żgħar fuq il-għalla madwar l-għajnejn u madwar ħalqhom u fuq rashom. Jidhru wkoll dawn il-bżieżaq fuq partijiet oħra tal-ġisem fejn ma jkunx hemm rix.

Meta l-ġidri jattakka l-ħalq, u f'dalkaż il-mard jissejjaħ Difterja tat-Tjur, tidher fil-ħalq, fuq l-ilsien u fuq griżmejn it-tiġieġ bħal rita bajdanija jew safranija; din ir-rita tkun taħt imwaħħla tajjeb li jekk taqlagħha joħroġ id-demm u tħalli bħal dbabar ħomor.

**KIF TIDDIŻINFETTA**

**Meta tiġi biex tiddiżinfetta jew tbajjad xi gallinar jew kamra tat-tjur li kien hemm il-mard jew xi insetti fiha, qis li l-aktar li għandek tiddiżinfetta huma l-irkejjen, ix-xquq u t-toqob.**

F'din il-għamla ta' marda, it-tiġieġ ma jkunux jistgħu jibilgħu, ma jibqgħux jaraw u jbatu biex jieħdu n-nifs u minħabba f'hekk it-tiġieġ morda jsiru magħlubin u ma jibqgħux ibidu. Barra minn dan it-tiġieġ li jaslu f'dan l-istat jistgħu jmutu bil-ġuħ jew billi jifgaw.

### Trażżin u Fejqan tal-Marda

Malli wieħed jintebaħ b'din il-marda fost it-tjur tiegħu, għandu minnufiħ jeżamina t-tiġieġ kollha u jifred mit-tjur f'saħħithom minn dawk it-tiġieġ li jidhru mgħaxxin jew li jkollhom il-bidu ta' xi sinjali minn dawk li ġa semmejna. It-tjur morda għandhom jitqiegħdu 'l bogħod kemm jista' jkun mit-tiġieġ f'saħħithom.

Holl ftit kubrit fiż-żejt jew aħdmu malvażellina u ogħrok bih il-felul, darba kull jum, sakemm jaqa'. Sabiex titneħħa r-rita ta' fuq l-għajnejn jeħtieġ li wieħed iqattar tlieta jew erba taqtiriet ta' Argyrol 5% f'kull għajn, u dan jibqa' jsir sakemm it-tiġieġa tkun tista' tiftaħ għajnejha.

Jekk min jieħu ħsieb it-tjur f'saħħithom jeħtieġlu huwa stess jikkura wkoll it-tiġieġ morda għandu l-ewwel jeħles mit-tjur f'saħħithom u wara jmur jikkura l-morda. Jekk jagħmel bil-maqlub ta' dan, huwa jġorr miegħu l-mikrobu mit-tjur morda u jinfetta t-tiġieġ f'saħħithom u jitlef kollox.

Tiġieġ li jmutu bil-ġidri għandhom jekk jista' jkun jiġu maħruqin. In-nar huwa l-aqwa diżinfettant ,billi joqtol il-mikrobi kollha. Il-kmamar fejn kien hemm tiġieġ morda għandhom jiġu diżinfettati u jinżammu battala għallinqas għal xahrejn sħaħ.

### Kif Tħares lit-Tjur mill-Ġidri

Sabiex wieħed iħares lit-tiġieġ millmarda tal-ġidri hemm tilqima li meta tingħata lit-tiġieġ li jkunu għadhom f'saħħithom, wara ftit jiem li tingħata tagħtihom ħarsien kontra l-marda u ma jimirdux lanqas jekk jintelqu ma' tjur oħra li jkunu morda.

Dan it-tilqim kontra l-marda tal-ġidri fit-tiġieġ isir bla ħlas mill-vaċċinaturi tal-Gvern, billi ċċemplu Central 4212, lit-Tabib tal-Bhejjem, il-Biċċerija, il-Marsa.

## TAGĦRIF LILL-GĦASSARA

Nixtiequ nfakkru lill-għassara illi f'dan ix-xahar jeħtieġ li jsir it-taqlib ta' l-inbid lokali.

Dan it-taqlib ta' l-inbid huwa ħaġa essenzjali jekk nixtiequ li jkollna nbid tajjeb. Permezz ta' dan it-taqlib, l-inbid jiġi msoffi mis-sedimenti tiegħu f'qiegħ il-btieti. L-għassara ż-żgħar jagħmlu din il-biċċa xogħol billi jibbottiljaw l-inbid mill-kaputa għal ġo mastella u mill-mastella għal ġo kaputa ġdida permezz ta' manka. L-għassara l-kbar jagħmlu dan ix-xogħol permezz ta' pompa bil-mutur.

Ikun xi jkun il-metodu li wieħed jinqeda bih, għandha ttieħed kura kbira waqt l-ibbottiljar sabiex ma jiġix imħawwad u mqanqal l-inbid sabiex is-sedimenti talqiegħ ma jitħalltux ma' l-inbid kollu u x-xogħol ikun sar bi ħsara flok ġid.

F'dan iż-żmien jeħtieġ ukoll li l-inbid jiġi analizzat u li jinħadmu l-kwalitajiet differenti ta' l-inbid. Ftakru dejjem li s-servizzi ta' dan id-Dipartiment huma għad-dispożizzjoni ta' dawk kollha li jeħtiġuhom.

## TWEĠIB GĦALL-MISTOQSIJIET

Lil **Ċ. Camilleri** mill-Mosta: It-tiġieġ tiegħek huma debboli minn saqajhom u jeħtieġlek tagħtihom ftit żejt tal-ħuta, imħallat mat-tagħsida jew inkella tagħtihom piloli taż-żejt tal-ħuta.

Lil **D.C.** minn Hal-Lija: Sabiex tħares lit-tiġieġ mill-marda tal-ġidri hemm tilqima apposta li ssir bla ħlas billi tapplika lit-Tabib tal-Biċċerija bil-kitba jew bittelefon (central 4212). Meta l-marda tkun ġa tfaċċat it-tilqima ma tiswiex. Nirrikmandawlek li tlaqqamhom kontra l-ġidri. (Ara l-artikolu ta' Dr. Cassar).

Lil **Kostantin Mifsud** mill-Imsida: Tiġieġ li jkunu xjuħ jintgħarfu mill-qxur li jrabbu ma' saqajhom. Iżda wieħed irid ukoll jinnota li tiġieġ miżmuma ħażin jistgħu wkoll irabbu l-qxur f'saqajhom għalkemm ma jkunux xjuħ u għalhekk diffiċli biex tkun żgur mill-età tat-tiġieġ taħt iċ-ċirkostanzi li fihom jitrabbew f'pajjiżna. Barra minn Malta t-tjur kollha jkollhom iċ-ċrieket f'saqajhom u minn hekk min irabbi jkun jaf fost records oħra meħtieġa xi tkun ukoll l-età tat-tiġieġ li hu jkollu.

Lil **Toni Borg** minn Hal Qormi: It-tiġieġ jinħtieġu dejjem li jkollhom frak tal-qawwi li jismu "grit". Dan iservi sabiex it-tjur ikunu jistgħu jidħnu fil-ħawsla l-ġwież li jieklu u jieħdu minnu s-sustanza kollha li jkun fih dak il-għalf. Dan il-frak tal-qawwi ma jintgħalifx it-tjur flok l-għalf, imma biss jingħatalhom f'kaxxa biex jieħdu minnu kull meta jkunu jridu.

Lil **Salvu Curmi** minn B'kara: Il-marda tal-kankru fil-ħamiem hi daqsxejn komuni. L-aqwa ħaġa sabiex ma jitnissilx mard fost it-tjur, ikunu xi jkunu, hija dejjem l-indafa u d-diżinfettar tal-kmamar u gallinari jew barumbari, kaxex, qofsa, pasiġġieri u kull ma jkollu x'jaqsam ma' l-annimali u tjur jew għasafar li jitrabbew. Hawn preparat maħdum apposta biex iħares lill-ħamiem mill-kankru kif ukoll preparat ieħor f'għamla ta' tintura għall-kura tal-kankru wara li jkun tfaċċa.

**IXTRU QSARI BL-ISBAĦ PJANTI MILL-FIERA TAD-9 TA' JANNAR, 1949.**

# IL-FIERI FL-GHAMMIERI

IS-SUĊĊESS li nkiseb bil-għajnuna tal-pubbliku fil-Fiera li saret fil-Qasam tal-Gvern, l-Għammieri, nhar it-28 ta' Novembru, wettaq il-fehma li kellu l-Gvern biex dawn il-fieri jinżammu ta' sikwit. Il-pubbliku ikkonkorra min-naħiet kollha ta' Malta u kienet tassew għodwa ta' pjaċir li tilmaħ lil dawk in-nies kollha jduru l-Qasam u juru dak l-interess fil-koltivazzoni tal-ħxejjex u tal-prodotti kif ukoll fil-kondizzjonijiet li fihom jitrabbew l-annimali f'dak il-post.

Il-bejgħ ta' l-oġġetti sar bl-aħjar metodu li wieħed sata' jinqeda bih biex ittqassim sata' jinfirex fost l-akbar għadd ta' nies. Kienet ħaġa ta' pjaċir tara lil ħafna familji ħerġin ħienja għal dak li raw u kisbu bi prezzijiet moderati fil-waqt li f'idejhom kellhom pakketti ta' bajd, ħxejjex, patata, qsari, żrieragħ, tjur u affarijiet oħra.

Il-Ministru ta' l-Industrja deher ferħan idur il-wirja kollha flimkien mad-Direttur tal-Biedja u uffiċjali oħra tad-Dipartiment. Uffiċjali tad-Dipartiment Mediku u tas-Saħħa ħadu sehem f'din il-Fiera u ma naqsux li japprofittaw ruħhom minn dik il-miġemgħa billi taw xi tagħrif u tagħlim dwar l-indafa u s-saħħa tal-pajjiż bil-loudspeaker li għandhom fil-Mobile Cinema tagħhom li huma għoġobhom iġibu għal din l-okkażżjoni.

L-inkoraġġiment li wera l-pubbliku ħ
jar lill-Gvern biex jagħmel Fiera oħra f
9 ta' Jannar u nittamaw li l-pubbliku j
ħu sehem bl-istess ħeġġa li wera
Fiera li saret. Għal din l-okkażżjoni s
ikun hemm ukoll lotterija ta' Għoġol. B
jetti għal din il-lotterija sejrin jinbieg
2s. 6d. il-wieħed bħal fl-ewwel Fiera.

**L-GHAQDA NAZZJONALI TAT-TJU U FNIEK** tgħarraf illi s-Sur Ġużep
Mercieca, ta' Timber Wharf, il-Marsa, 1
għadux id-distributur tal-ġwież tal-Għa
da. Id-distributur il-ġdid huwa s-Sur Ġ
żeppi Grech, ta' 92, Triq Ridolfo, Sliem



### FLIELES MILL-INGILTERRA

Għandna l-pjaċir inħabbru li l-elf fellus mill-Ingilterra li kellna mixtrija għal Jannar, kif avżajna fil-ħarġa ta' "Il-Bidwi" tax-xahar li għadda, kellna nagħmluhom elfejn. Beħsiebna nġibu elf oħra għal Frar biex min ma laħaqx għad jista' jirreġistra. Il-prezz ikun 3s. il-wieħed bl-ispejjeż kollha mħallsa u jitqassmu sa wara l-bieb. Ir-reġistrazzjoni ssir għand is-Sur M.C. Borg-Cardona, 185, Triq l-Ifran, il-Belt.



### FELLUS B'ERBA' SAQAJN

Dan l-aħħar bidwi Ingliż faqqaslu fe
lus b'erba' saqajn u fettillu jrabbih għa
kemm ma kellux tama li jgħix. Il-fellu
għex u kiber, ħareġ għattuqa u bdiet tbi
bajd ta' żewġ uqigħat il-waħda.



### INKUBATURI IRONCLAD



Ta' 25 bajda: £11 — Ta' 50 bajda: £12
Ta' 100 bajda: £14.
GHALL-KAPSULI, FTEJJEL,
TERMOMETRI, RAMMIJIET
U SPARE PARTS OHRA IRRIKORRI
FILGHAXIJA GHAND:
M.C. BORG CARDONA,
65, PRECA STREET — LIJA.


**ONFQU INQAS FL-ISBAH TJUR U L-AHJAR BAJD TAT-TFAQQIS FIL-FIERA.**